# TRIBUNAL INDUSTRIJALI TA' MALTA

## Decizjoni Nru. 6/77

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sinjura Maria C. Cassar
u
Merit Werk (Malta) Ltd.

Chairman : C.J. Mallia.

Data : 5 ta' Dicembru,1977

Fil-21 ta' Ottubru, 1977, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura irreferit lil dan it-Tribunal l-allegazzjoni tas-Sinjura Maria C. Cassar li hija kienet giet imkeccija ingustament mill-impjieg taghha mad-ditta Merit Werk (Malta) Ltd. ta' Cannon Road, Santa Venera.

2. Biex jisma l-kaz, it-Tribunal zamm tlett seduti, li fihom is-Sinjura Cassar kienet assistita l-ewwel minn zewgha, s-Sur Godwin Cassar, u fit-tieni u tielet seduta mis-Sur Richard A. Matrenza, D. Pol. Econ. (Oxon.), F.R. Econ.S., Konsulent Industrijali. Id-ditta Merit Werk (Malta) Ltd. kienet rappresentata mis-Sur Paul Bartolo, Manager u Personnel Officer taghha.

3. Naturalment, il-kas jibbaza ruhu fuq ic-certifikat ta' temm ta' impjieg, li gie debitament esibit. Dan id-dokument, iffirmat mis-Sur Paul Bartolo, jghid hekk dwar ir-raguni ghaliex l-impjegata spiccat mix-xoghol: "Mrs. Maria C. Cassar spiccat mix-xoghol wara li, ghalkemm konna ilna nghidulha illi l-efficjenza taghha ma kienetx sodisfacjenti, u wara li domna hafna nippruvaw naghtuha cans, hija ma setghetx tkun efficjenti. Allura ma stajniex inzommuha aktar."

/2. .....

4. Is-Sinjura Cassar kienet giet impjegata mad-ditta Merit Werk bhala Factory Girl fit-3 ta' Lulju, 1975, u tkecciet mill-10 ta' Ottubru, 1977.

5. Ix-xoghol tas-Sinjura Cassar kien 'assembly of electrical parts', u dan kien isir fuq makni li l-maggoranza minnhom kellhom mutur, f'uhud imwahhal taht u ghalhekk jarmi shana izjed. L-operazzjonijiet biex issir jew tigi mmontata kull parti kienu jigu 'timed' lesti mid-ditta principali fil-Germanja, wara li jkun sar 'time-and-work study' f'dak il-pajjiz. Irrizulta mix-xhieda li ma kienx inhass il-bzonn li dawn it-timings jigu riveduti ghal Malta fejn il-klima kien differenti, ghaliex impjegati Maltin, nisa wkoll, kienu ilahhqu dan ix-xoghol fiz-zmien preskritt (kien hemm min anke f'inqas), u hadd hlief Mrs. Cassar ma kien ilmenta li dawn il-hinijiet kienu hziena.

6. Mix-xhieda tas-Sur Paul S. Brincat, Technical Manager tad-ditta Merit Werk (Malta) Ltd., hareg li, ghad-ditta, li 'standard output' kien 100%. Taht il 100% kien output baxx li jfixkel il-kompetitivita' tal-prodotti tad-ditta. Ghalhekk ghal output baxx, waqt probation jew xi zmien qasir li fih l-impjegat jibda jigi mwissi, id-ditta kienet thallas il-minimum wage. Ghal output il-fuq minn 100% kien jithallas incentive bonus, u l-maggoranza tal-impjegati kienu jahdmu ghal dan u jilhquh.

7. Irrizulta li Mrs. Cassar tkecciet wara sena ta' output taht il-100 (barra minn xahrejn), cioe' b'dawn il-figuri:

| | | | Output fil-100 |
|---|---|---|---|
| 1976 | Settembru | ....... | 76 (a) |
| | Ottubru | ....... | 83.9 |
| | Novembru | ....... | 90 |
| | Dicembru | ....... | 79 |

/3. .....

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1977 | Jannar | ....... | 93 | |
| | Frar | ....... | 83 | |
| | Marzu | ....... | 97 | |
| | April | ....... | 60 | (b) |
| | Mejju | ....... | 106) | (c) |
| | Gunju | ....... | 108) | |
| | Lulju | ....... | 94 | |
| | Awwissu | ....... | 96 | |

L-average ta' dawn it-tnax il-xahar johrog ta' 89.7%. Fix-xhar (a) is-Sinjura Cassar kienet ghada kif dahlet lura ghax-xoghol wara xhur ta' mard. Fix-xahar (b) is-Sur Cassar xehed li huma garru minn dar ghal ohra, u Mrs. Cassar kienet ghajjiena ghal din ir-raguni. F'dan l-istess xahar (b), igifieri April, 1977, meta l-istess pay slip turi wkoll ir-rimarka miktuba 'From bad to worse', is-Sur Bartolo qal li huwa kien ukoll wissa lil Mrs. Cassar li jekk ma tirrangax l-efficiency taghha ser titkecca. Fix-xahrejn (c) immedjatament wara, Mejju u Gunju tal-1977, Mrs Cassar tellet outputs ta' 106 u 108% u ta' dan thallset incentive bonus.

8. Is-Sur Bartolo issottometta li d-ditta Merit Werk, bhala mpriza kummercjali, kien assolutament jehtiegilha li l-prodotti taghha ikunu u jibqghu kompetitivi fuq is-suq biex hi tkun tista' tkompli tezisti. Ghalhekk huma efficjenza taht l-istandard, li kien 100%, kienu biss jittollerawha, waqt prova jew zmien ta' twissija. Zid jghid is-Sur Bartolo li, kieku kellhom izommu impjegati irrispettivament mill-output taghhom u diversi jaqghu taht il-100% ghal dejjem jew ghal zmienijiet twal, dan iwassal ghall-gheluq tad-ditta.

9. Wera wkoll is-Sur Bartolo, u fuq dawn esibixxa d-dettalji bil-miktub, li erba' tfajliet ohra kienu gew imkeccija mid-ditta tieghu fis-sena 1977, ghall-istess raguni ta' output baxx, wara li kienu gew imwissija. Is-Sur Bartolo zied jghid li kellu xi ohrajn, minn tnejn sa erba', li waqt li ghadhom

'on probation', qed juru output baxx, u jekk ma jirrangawx dawn mhux ser jigu konfermati fl-impjieg wara z-zmien ta' prova.

10. Minn naha tas-Sinjura Cassar issemma l-kas tas-Sinjorina Nataline Zarb, li kienet giet impjegata mal-Merit Werk f'Settembru 1976. Din, ghall-istess perijodu ta' sena bhal ta' Mrs. Cassar, cioe' Settembru 1976 sa Awwissu 1977, anzi wkoll f'Settembru 1977, kella output dejjem baxx, aktar baxx bhala average minn Mrs. Cassar. Din kienet giet ukoll ammonita bosta drabi, imma fil-fatt ma tkeccietx. Intqal minn naha ta' Mrs. Cassar, u s-Sur Bartolo ghad-ditta ammetta, li r-raguni li Miss Zarb ma tkeccietx kienet ghaliex, meta fl-ahhar din kienet giet mghotija n-notice, indahlet il-General Workers' Union li taghha Miss Zarb kienet u ghadha membru. Is-Sur Bartolo esibixxa dokument bid-dettalji ta' l-output (dejjem baxx) ta' Miss Zarb. Huwa qal li kien suggeriment tal-General Workers' Union li t-tkeccija ta' Miss Zarb tigi mibdula f'warning finali, kif fil-fatt sar. Zied jghid is-Sur Bartolo li

(i) Il-Management accetta t-talba tal-General Workers' Union fuq bazi umanitarja, ghax Miss Zarb hija bla missier.

(ii) F'Ottubru 1977 Miss Zarb kienet fuq "non-piéce work."

(iii) Ghadu ma ghaddiex zmien bizzejjed biex il-warning finali jigi mibdul f'mahfra jew tkeccija.

11. Id-difiza ta' Mrs. Cassar qalet li hi wkoll kella ragunijiet umanitarji, billi l-mard ta' Mrs. Cassar kien ikkagunat minn miscarriage, bil-konsegwenzi fisici u psikologici li dan igib. Id-ditta wiegbet li kienet ittiehdet pacenzja bizzejjed ghal dawn ir-ragunijiet ta' hniena. I

/5. .....

Infatti waqt il-mard kienet intbghatet ittra lil Mrs. Cassar biex isserhilha rasha dwar l-impjieg taghha. Intqal ukoll li Mrs. Cassar, li qabel kienet fil-General Workers' Union, ma kienetx ghadha membru fiz-zmien tat-tkeccija taghha. Hawn, kieku ma kienux il-konsiderazzjonijiet li ser jinghadu aktar l-isfel, it-Tribunal kien ikollu ifakkar li dak li hu msejjah 'the right of association' huwa sakrosant, bhal ma huma wkoll sakrosanti 'the right of dissociation' u 'the right of non-association'.

12. Izda f'dan ma hemmx bzonn nidhlu, ghaliex dak li jidher trattament parzjali favur Miss Zarb fis-sustanza mhu xejn. Din il-mara, li hija biss kas singolu f'din id-ditta, ma gietx moghtija hlief cans iehor, cans finali, biex tirranga. Jekk ma tirrangax, id-ditta ma tistax toqghod biss fuq ragunijiet umanitarji, u jkollha tibghata. Ta' min josserva li, fil-prattika, dan l-istess cans inghata lil Mrs. Cassar darbtejn - darba f'April 1977 meta giet mwissija mis-Sur Bartolo, u darb'ohra f'Lulju 1977 meta kien hemm kitba b'ittri kbar fuq il-pay slip taghha li qalet : "If it happens next month, you are out."

13. Il-Fatt li, wara t-twissija ta' April 1977, meta l-output taghha kien 60%, Mrs. Cassar ghal xahrejn wara xulxin lahqet 106 u 108%, juri li hi setghet tkun efficjenti l-fuq mill-istandard output meta trid. Dan jikkorrobora il-kliem tax-xhieda kollha li giebet id-ditta, li qalu li Mrs. Cassar kienet taghti l-impressjoni li ma kienetx interessata fl-efficjenza, kienet thobb tilmenta, u tfittex li tahdem kemm taqla' l-inqas paga.

14. It-Tribunal, fid-dawl tal-Att Nru. XXX ta' l-1976, u specjalment tal-artikolu 32 ta' dak il-Att, ma jistax ma japprezzax is-sottomissjoni tad-ditta li hi ma tistax tkompli tezisti jekk izzomm impjegati li jkomplu jaghtu output taht l-istandard.

AWARD

15. In vista ta' dan, u ta' l-aspetti kollha tal-kas, it-Tribunal jichad it-talba tas-Sinjura Maria C. Cassar biex tigi reinstated u kompensata tat-tkeccija.

(C.J. Mallia)
Chairman

(S. Grech)
Segretarju

em